Ġew ippreżentati applikazzjonijiet skont l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2001/82/KE, jiġifieri, applikazzjoni ġenerika għal awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq skont il-proċedura deċentralizzata għal żewġ prodotti mediċinali veterinarji, bi Franza bħala l-Istat Membru ta' Referenza (FR/V/0325/001/DC u FR/V/0326/001/DC). Il-prodott ta' referenza kien Tylan 200 soluzzjoni injettabbli, li ġie awtorizzat f'diversi Stati Membri. Matul il-proċeduri deċentralizzati, sar evidenti li hemm perjodi ta' rtirar approvati differenti għall-ħnieżer għal "Tylan 200 soluzzjoni injettabbli" madwar l-Unjoni Ewropea kollha, li jvarjaw minn 5 sa 46 jum. Barra minn hekk, ġie nnutat li f'ċerti Stati Membri l-volum tal-injezzjoni huwa limitat, filwaqt li f'oħrajn mhuwiex. Il-pożoloġija tal-prodotti differenti tvarja wkoll minn 10 sa 20 mg/kg piż tal-ġisem kuljum permezz tar-rota intramuskolari, mogħtija fuq perjodu ta' bejn 3 u 5 ijiem. Il-maġġoranza tal-prodotti (124 minn 132) għandhom jingħataw f'pożoloġija ta' 10 mg/kg piż tal-ġisem kuljum. Għal erba' prodotti, il-pożoloġija rakkomandata hija 20 mg/kg piż tal-ġisem kuljum, u għall-erba' prodotti li jifdal, hija 10 mg/kg piż tal-ġisem, darbtejn kuljum.

Franza kkunsidrat li kien meħtieġ li l-kwistjoni tiġi riferuta lis-CVMP fl-interess tal-protezzjoni tas-sikurezza tal-konsumatur fl-Unjoni, u talbet lill-Kumitat biex jirrevedi d-*data* kollha disponibbli dwar it-tnaqqis tar-residwi u jirrakkomanda perjodu tal-irtirar għall-prodotti mediċinali veterinarji kollha li fihom bażi tat-tilosina (bħala sustanza attiva waħda) ippreżentati bħala soluzzjonijiet għall-injezzjoni għal użu ġol-muskoli fil-ħnieżer.

2. Diskussjoni dwar id-*data* disponibbli

Kompożizzjoni kwalitattiva u kwantitattiva

Waslet informazzjoni dwar il-kompożizzjoni tal-prodotti affettwati (n=132). Għal 127 prodott, il-konċentrazzjoni tat-tilosina hija 200 mg bażi tat-tilosina/ml. Għal erba' prodotti, il-konċentrazzjoni hija 50 mg bażi tat-tilosina/ml, u għal prodott wieħed hija 250 mg bażi tat-tilosina/ml.

Irrispettivament mill-qawwa tat-tilosina, il-formulazzjoni tal-prodotti kkonċernati kollha hija simili ħafna. Il-formulazzjonijiet kollha għandhom il-glikol tal-propilen u l-ilma bħala eċċipjenti ewlenin, u l-alkoħol benziliku u/jew l-etanol bħala preservattivi, li huma preżenti fil-prodott f'konċentrazzjonijiet baxxi ħafna. Il-glikol tal-propilen huwa preżenti f'konċentrazzjonijiet differenti, iżda fi ħdan medda li mhijiex mistennija li jkollha impatt sinifikanti fuq il-viskożità tal-prodott, u konsegwentement l-assorbiment tal-ingredjent attiv. Minkejja l-konċentrazzjoni ta' glikol tal-propilen jew it-tip ta' preservattiv, il-prodotti kollha għandhom valuri tal-pH fil-mira simili u d-densità tal-prodotti hija qrib ħafna ta' dik tal-ilma. Konsegwentement, huwa mistenni li l-formulazzjonijiet kollha jkollhom l-istess imġiba fir-rigward tal-assorbiment tagħhom fis-sit tal-injezzjoni.

Tnaqqis tar-residwi fil-laħam u l-ġewwieni tal-ħnieżer

Huma disponibbli seba' studji dwar ir-residwi li saru fuq ħnieżer fejn intużat soluzzjoni injettabbli tat-tilosina mogħtija mir-rota intramuskolari. Twettqu sitt studji jew b'Tylan 200 mg/ml, Tisergen 200 mg/ml, Bilosin 200 mg/ml jew Tilosina 200 mg/ml. Għal studju wieħed, il-formulazzjoni tal-prodott użat mhijiex magħrufa.

Kien hemm disponibbli żewġ studji dwar it-tnaqqis tar-residwi konformi ma' prattika tajba tal-laboratorju (GLP). Wieħed mill-istudji twettaq fl-1990, bil-prodott Tylan 200 mg/ml soluzzjoni għall-injezzjoni. Il-piż tal-ġisem tal-ħnieżer ikkurati varja bejn 19 kg u 26 kg. Gruppi ta' 6 annimali ġew ikkurati b'doża ta' 10 mg/kg piż tal-ġisem darba kuljum għal 5 jum, b'volum massimu ta' injezzjoni ta' 1.3 ml. L-annimali nqatlu 6 sigħat u fil-jiem 3, 7, 14 u 28 wara l-kura. Il-kliwi, il-fwied, il-ġilda + ix-xaħam, il-muskoli, u s-sit tal-injezzjoni (il-qalba 200 g) ġew analizzati permezz ta' metodu HPLC-UV għar-residwi tat-tilosina, b'limitu ta' kwantifikazzjoni ta' 50 µg/kg (jiġifieri nofs il-limitu massimu ta' residwi (MRL) ta' 100 µg/kg). Wara 3 ijiem, it-tilosina nstabat biss fis-sit tal-injezzjoni. Sebat ijiem wara l-aħħar injezzjoni, ir-residwi fil-kampjuni kollha tas-sit tal-injezzjoni kienu taħt l-MRL. Minn dan l-istudju, il-perjodu tal-irtirar li jista' jiġi stabbilit għal pożoloġija ta' 10 mg/kg piż tal-ġisem kuljum għal 5 ijiem wara xulxin, u kkalkulat fuq il-bażi tal-metodu "alternattiv" biex jiġi ddeterminat il-perjodu tal-irtirar, skont in-nota tas-CVMP għal gwida dwar l-approċċ lejn l-armonizzazzjoni tal-perjodi tal-irtirar (EMA/CVMP/036/95)¹, b'medda ta' sigurtà ta' 30 %, huwa ta' 10 ijiem. Madankollu, il-volum massimu ta' injezzjoni ttestjat f'dan l-istudju (1.3 ml) huwa iżgħar mill-volum rakkomandat minħabba li l-annimali fl-istudju huma ħfief (VICH GL 48 tirrakkomanda li l-ħnieżer għandhom ikunu 40-80 kg). Konsegwentement, li kieku dan kellu jiġi estrapolat għal ħnieżer akbar (ħnieżer għas-simna jew ħnieżer nisa), id-doża totali jkollha tiġi diviża u għaldaqstant tkun meħtieġa aktar minn doża waħda, li mhuwiex ikkunsidrat bħala għażla fattibbli. Għaldaqstant huwa kkunsidrat li dan l-istudju ma jistax jintuża biex jiġi ddeterminat perjodu tal-irtirar għall-ħnieżer għall-prodotti kkonċernati f'din il-proċedura ta' riferiment.

L-istudju l-ieħor dwar it-tnaqqis tar-residwi konformi mal-GLP twettaq fl-2010 bil-prodott Tisergen 200 mg/ml. Fil-biċċa l-kbira tiegħu l-istudju twettaq f'konformità mal-istandards attwali. Madankollu, xi kampjuni tas-siti ta' injezzjoni minn ħnieżer ikkurati kienu inqas mill-piżijiet rakkomandati mil-linja gwida tas-CVMP ta' 500 g ± 20 % għall-kampjun tal-qalba u 300 g ± 20 % (EMA/CVMP/542/03)², u kienu jvarjaw bejn 366 g u 440 g (kampjun tal-qalba), u 215 g u 288 g (il-kampjun tal-parti madwar is-sit tal-injezzjoni). Il-pH tal-prodott tat-test (miċ-ċertifikat ta' analiżi) kien kemxejn aktar aċiduż minn dak ta' Tisergen 200 irrappurtat fl-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott tal-prodott lest, iżda l-varjazzjoni żgħira fil-pH kienet ikkunsidrata mis-CVMP bħala li ma għandhiex impatt fuq ir-riżultati miksuba fir-rigward tat-tnaqqis tar-residwi. Il-piż tal-ġisem tal-ħnieżer użati għall-istudju varja bejn 45.08 kg u 54.56 kg (skont ir-rakkomandazzjoni ta' VICH GL 48). Gruppi ta' 6 annimali ġew ikkurati b'doża ta' 20 mg/kg piż tal-ġisem darba kuljum għal 5 jum, b'volum massimu ta' injezzjoni ta' 5.5 ml. L-annimali nqatlu fil-jiem 7, 12, 17, 22 u 27 wara l-kura. Il-kliwi, il-fwied, il-ġilda + ix-xaħam, il-muskoli, u s-sit tal-injezzjoni (il-qalba u l-parti madwaru) ġew analizzati permezz ta' metodu HPLC-UV validat għat-tilosina A, ir-residwu markatur, b'limitu ta' kwantifikazzjoni ta' 50 µg/kg (nofs il-valur tal-MRL). Il-livelli kwantifikabbli ta' tilosina A kienu mkejla biss fil-kampjuni mill-ewwel żewġ punti ta' żmien għall-qatla (7 ijiem u 12-il jum wara l-kura). Fil-muskoli, il-fwied, il-kliwi u l-ġilda + ix-xaħam, il-konċentrazzjonijiet ta' tilosina A kienu taħt l-MRL (100 µg/kg) fil-punti kollha taż-żmien. Fis-sit tal-injezzjoni, il-konċentrazzjonijiet ta' tilosina A kienu 'l fuq mil-limitu ta' kwantifikazzjoni f'5 kampjuni minn 6, u 'l fuq mill-MRL f'żewġ annimali minn 6, fil-jum 7 wara l-kura. Fil-jum 12 wara l-kura, kampjun wieħed biss kien 'il fuq mil-limitu ta' kwantifikazzjoni. Konsegwentement, il-perjodu tal-irtirar li jista' jiġi derivat mid-*data* minn dan l-istudju, fuq il-bażi ta' pożoloġija ta' 20 mg/kg piż tal-ġisem

¹ In-nota tas-CVMP għal gwida dwar l-approċċ lejn l-armonizzazzjoni tal-perjodi tal-irtirar (EMA/CVMP/036/95) - [link](#)

² Linja Gwida tas-CVMP dwar ir-residwi fis-sit tal-injezzjoni (EMA/CVMP/542/03-FINAL) - [link](#)

kuġġum għal 5 ijiem wara xulxin, u billi jintuża metodu "alternattiv" b'medda ta' sigurtà ta' 30 % (filwaqt li jitqies il-kampjun 'il fuq mil-LOQ fil-jum 12), huwa ta' 16-il jum b'volum limitat ta' injezzjoni ta' 5 ml.

It-tielet studju, li mhuwiex konformi mal-GLP, twettaq fl-1992 bil-prodott Biliosin 200 mg/ml soluzzjoni għall-injezzjoni. It-tfassil ta' dan l-istudju mhuwiex konformi mal-istandards attwali. Il-piż tal-ġisem tal-ħnieżer użati għall-istudju jvarja bejn 64 kg u 77 kg. Gruppi ta' 4 annimali ġew ikkurati b'doża ta' 5 ml tal-prodott għal kull annimali, jiġifieri 12.5-15.6 mg/kg kull 12-il siegħa għal 3 ijiem, u nqatlu fil-jiem 7, 14 u 21 wara l-kura. Il-kliwi, il-fwied, il-muskoli u s-sit tal-injezzjoni ġew analizzati permezz ta' metodu mikrobijoloġiku parzjalment validat għat-tilosina, b'limitu ta' detezzjoni ta' 200 µg/kg (jiġifieri darbtejn aktar mill-MRL). Fil-muskoli u l-kliwi, il-konċentrazzjonijiet kollha tat-tilosina kienu taħt il-limitu ta' detezzjoni fil-punti kollha taż-żmien. Fis-sit tal-injezzjoni, il-konċentrazzjonijiet tat-tilosina kienu 'l fuq mil-limitu ta' detezzjoni u l-MRL f'żewġ annimali fil-jum 7 wara l-kura, u mbagħad naqsu taħt il-limitu ta' detezzjoni fil-jiem 14 u 21. Fil-fwied, il-konċentrazzjonijiet tat-tilosina kienu 'l fuq mil-limitu ta' detezzjoni u l-MRL fl-annimali kollha 7 ijiem wara l-kura, u fi tliet annimali fil-jum 14 wara l-kura (bejn 210 µg/kg u 320 µg/kg) u mbagħad naqsu taħt il-limitu ta' detezzjoni fil-jum 21. Ir-riżultati minn dan l-istudju huma diffiċli biex jiġu interpretati billi ma jistax jiġi stmat liema proporzjon mill-konċentrazzjoni tat-tilosina misjub b'dan il-metodu huwa tilosina A (peress li r-residwu markatur għall-MRL huwa t-tilosina A). Il-metaboliżmu fil-fwied huwa importanti, u huwa probabbli li l-proporzjon ta' tilosina A jonqos meta mqabbel ma' dak tal-prodott inizjali. Pereżempju, id-*data* mill-ġhoġġiela turi li 4 sigħat wara li tingħata ġol-muskoli, it-tilosina A tirrappreżenta 36.7 %, 31 % u 70 % tar-residwi mikrobijoloġiċi preżenti fil-kliwi, fil-fwied u fil-muskoli rispettivament, iżda m'hemm l-ebda informazzjoni disponibbli dwar l-injezzjoni (EMA, 1997)³. Is-CVMP jikkunsidra li ma jista' jiġi stabbilit l-ebda perjodu tal-irtirar affidabbli minn dan l-istudju, minħabba n-nuqqasijiet imsemmija hawn fuq iżda li jirriżulta l-aktar mill-użu tal-metodu mikrobijoloġiku biex jinstabu r-residwi tat-tilosina, u l-limitu għoli assoċjat ta' detezzjoni li huwa 'l fuq mill-MRL.

Fl-1993 twettqu żewġ studji dwar ir-residwi li ma kinux konformi mal-GLP, bil-prodott Bilosin 200 mg/ml soluzzjoni għall-injezzjoni. It-tfassil ta' dawn l-istudji mhuwiex skont l-istandards attwali. Il-piż tal-ġisem tal-ħnieżer użati għall-istudju varja bejn 63.50 kg u 82.55 kg. Gruppi ta' 4 annimali ġew ikkurati b'doża ta' 5 ml tal-prodott għal kull annimal, jiġifieri bejn 12.1 mg/kg u 15.7 mg/kg darbtejn kuġġum għal 3 ijiem, u maqtula fil-jiem 21, 28 u 35 wara l-kura. Il-kliwi, il-fwied, ix-xaħam, il-ġilda, il-muskoli u s-sit tal-injezzjoni (m'hemm l-ebda informazzjoni disponibbli dwar il-kampjun tas-sit tal-injezzjoni) ġew analizzati permezz ta' metodu mikrobijoloġiku parzjalment validat għat-tilosina, b'limitu ta' kwantifikazzjoni ta' 100 µg/kg (jiġifieri daqs l-MRL). Fil-muskolu, ix-xaħam, il-ġilda, il-kliwi u s-sit tal-injezzjoni, il-konċentrazzjonijiet kollha tat-tilosina kienu taħt il-limitu ta' kwantifikazzjoni (100 µg/kg) fil-jiem 21, 28 u 35. Fil-fwied, il-konċentrazzjonijiet tat-tilosina kienu 'l fuq mill-MRL fil-jiem 21 u 28 wara l-aħħar doża, u mbagħad naqsu taħt l-MRL fil-jum 35. Bħal fl-istudju preċedenti, ir-riżultati minn dawn iż-żewġ studji mhux konformi mal-GLP huma diffiċli biex jiġu interpretati u użati għall-fini li jiġu stabbiliti l-perjodi ta' rtirar, b'mod partikolari peress li dan il-metodu ma jippermettix li jiġi stmat liema proporzjon tal-konċentrazzjoni tat-tilosina misjub b'dan il-metodu mikrobijoloġiku jikkorrispondi għat-tilosina A. Bħala riżultat, is-CVMP jikkunsidra li ma jistax jiġi stabbilit perjodu tal-irtirar affidabbli minn dan l-istudju minħabba d-diversi nuqqasijiet li dan għandu (b'mod partikolari l-użu tal-metodu mikrobijoloġiku).

Kien disponibbli studju ieħor evalwat bejn il-pari mwettaq minn Prats *et al.* 2002⁴ b'Tilosina 200 mg/ml. M'hemm l-ebda informazzjoni dwar l-istatus tal-GLP tal-istudju fil-pubblikazzjoni, u d-disinn tal-istudju mhuwiex skont l-istandards attwali kollha. Il-piż tal-ġisem tal-ħnieżer varja bejn

³ https://www.ema.europa.eu/en/documents/mrl-report/tylosin-summary-report-3-committee-veterinary-medicinal-products_en.pdf

⁴ Prats C., El Korchi G., Francesch R., Arboix M. u Perez B. (2002). Tylosin depletion from edible pig tissues. Res. Vet. Sci. 73, 323-325.

28 kg u 32 kg. Gruppi ta' 4 annimali kienu kkurati b'doża ta' 10 mg/kg piż tal-ġisem darba kuljum għal 5 ijiem, u nqatlu fil-jiem 3, 7, 10 u 14 wara l-kura. Il-kliewi, il-fwied, il-ġilda + ix-xaħam, il-muskoli u s-sit tal-injezzjoni (il-qalba 250 g) ġew analizzati permezz ta' metodu HPLC-UV għat-tilosina A, ir-residwu markatur, b'limitu ta' kwantifikazzjoni ta' 50 µg/kg. Fil-jiem 10 u 14 wara l-kura, il-kampjuni kollha kienu taħt il-limitu ta' kwantifikazzjoni. Fil-fwied, il-konċentrazzjonijiet tat-tilosina A kienu taħt l-MRL (100 µg/kg) fil-punti kollha taż-żmien. Fil-muskoli, kampjun wieħed kien daqs l-MRL fil-jum 7 wara l-kura. Fil-kliewi u l-ġilda + ix-xaħam, kampjun wieħed kien 'il fuq mill-MRL fil-jiem 3 u 7 wara l-kura. Fis-sit tal-injezzjoni, il-konċentrazzjonijiet tat-tilosina A kienu 'l fuq mill-MRL fil-kampjuni kollha fil-jiem 3 u 7 wara l-aħħar doża. Il-volum massimu ta' injezzjoni ġie stmat li huwa inqas minn 1.6 ml, minħabba l-piż tal-ġisem tal-annimali ttestjati. Il-perjodu tal-irtirar li jista' jiġi derivat minn dan is-sett ta' *data*, fuq il-bażi tal-metodu alternattiv b'medda ta' sigurtà ta' 30 %, u relatat ma' doża ta' 10 mg/kg piż tal-ġisem kuljum għal 5 ijiem wara xulxin, huwa ta' 13-il jum b'volum limitat ta' injezzjoni ta' 1.6 ml. Konsekwentement, li kieku dan kellu jiġi estrapolat għal ħnieżer akbar (ħnieżer għas-simna jew ħnieżer nisa), id-doża totali jkollha tiġi diviża u għaldaqstant tkun meħtieġa aktar minn doża waħda, li mhuwiex ikkunsidrat bħala għażla fattibbli. Għal din ir-raġuni, huwa kkunsidrat li dan l-istudju ma jistax jintuża biex jiġi ddeterminat perjodu tal-irtirar għall-ħnieżer għall-prodotti kkonċernati f'din il-proċedura ta' riferiment.

Twettaq studju ieħor evalwat bejn il-pari dwar ir-residwi fil-ħnieżer (Moats *et al.* 1985⁵) bi prodott tat-tilosina li għalih mhija disponibbli l-ebda informazzjoni dwar il-formulazzjoni. It-tfassil tal-istudju mhuwiex konformi mal-istandards attwali. Il-piż tal-ġisem tal-ħnieżer ikkurati varja bejn 80 kg u 110 kg. Gruppi ta' 3 annimali ġew ikkurati b'doża waħda ta' 8.8 mg tilosina għal kull kg ta' piż tal-ġisem, u maqtula wara 4 sigħat u fil-jiem 1, 2, 4 u 8 wara l-kura. Il-kliewi, il-fwied, il-muskoli u s-sit tal-injezzjoni (m'hemm l-ebda informazzjoni disponibbli dwar il-kampjun tas-sit tal-injezzjoni) ġew analizzati xahrejn wara l-esperiment (m'hemm l-ebda informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-istabbiltà tat-tilosina disponibbli), permezz ta' metodu HPLC-UV għat-tilosina b'limitu ta' detezzjoni taħt il-100 µg/kg, u anki permezz ta' metodu mikrobijoloġiku għat-tilosina, b'limitu ta' detezzjoni ta' madwar 500 µg/kg u li għalih mhija disponibbli l-ebda *data* ta' validazzjoni. Fil-muskoli, il-fwied u l-kliewi, l-ebda wieħed miż-żewġ metodi analitiċi ma sab konċentrazzjonijiet tat-tilosina 24 siegħa wara l-kura. Fis-sit tal-injezzjoni, l-ebda wieħed miż-żewġ metodi ma sab konċentrazzjonijiet tat-tilosina 48 siegħa wara l-kura. Minħabba l-għadd ta' nuqqasijiet identifikati, is-CVMP ma setax jikseb perjodu tal-irtirar minn dan l-istudju. Madankollu, ta' min jinnota, li meta mqabbel mal-istudji l-oħra rrapportati, huwa biss wara 48 siegħa wara l-kura li r-residwi kollha huma taħt l-MRL. Madankollu, fin-nuqqas ta' informazzjoni dwar l-istabbiltà tal-kampjuni matul iż-żmien tal-ħżin tagħhom, dan ir-riżultat huwa dubjuż ħafna.

Sar sommarju tal-istudju ieħor dwar ir-residwi mwettaq b'Tylan 200 f'wieħed mir-rapporti tal-Kumitat Espert Konġunt tal-FAO/WHO dwar l-Addittivi tal-Ikel (1991)⁶. Dan l-istudju ġie ppreżentat mal-applikazzjoni oriġinali għal awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għal Tylan 200 fi Franza. It-tfassil mhuwiex konformi mal-istandards attwali. Il-piż tal-ġisem tal-ħnieżer ikkurati kien ta' madwar 120 kg. Gruppi ta' 3 annimali kienu kkurati b'doża ta' 8.8 mg/kg darbtejn kuljum għal 3 ijiem b'volum massimu ta' injezzjoni ta' 5 ml, u nqatlu fil-jiem 0, 2, 4, 7, 14, 21, 28, u 35 wara l-kura. Il-kliewi, il-fwied u s-sit tal-injezzjoni (il-qalba: 100-110 g) ġew analizzati permezz ta' metodu mikrobijoloġiku għat-tilosina, b'limitu ta' kwantifikazzjoni ta' 100 µg/kg, daqs l-MRL u li għalih m'hemm l-ebda *data* ta' validazzjoni disponibbli. Ir-residwi ppersistew l-aktar fis-sit tal-injezzjoni, u kienu għadhom 'il fuq mill-MRL fil-jum 21 wara l-kura għal wieħed minn kull 3 annimali. Fil-jum 28 wara l-kura, ir-residwi fil-kampjuni

⁵ Moats, W. A., Harris, E. W., u Steele, N. C. (1985), J. Assoc. Off. Anal. Chem., Comparison of liquid chromatographic and bioassay procedures for determining depletion of intramuscularly injected tylosin. 68, 413.

⁶ JECFA (1991). Tylosin. F': Residues of Some Veterinary Drugs in Animals and Foods. Id-Dokument 41/4 tal-FAO dwar l-Ikel u n-Nutrizzjoni, il-Monografi mħejjija mit-tmienja u tletin laqgħa tal-Kumitat Espert Konġunt tal-FAO/WHO dwar l-Addittivi tal-Ikel, Ruma, 22-31 ta' Jannar 1991, FAO, Ruma 1991, 109-127.

tas-sit tal-injezzjoni naqsu għal taħt il-limitu ta' kwantifikazzjoni ta' 100 µg/kg. Ta' min jinnota li r-residwi fit-tessuti l-oħra kollha fil-kampjun (il-kliewi u l-fwied) kienu taħt l-MRLs rispettivi sa 14-il jum wara l-kura. Ma setgħet tinstilet l-ebda konklużjoni bbażata fuq dan l-istudju minħabba r-rappurtar batut ħafna u l-fatt li dan kien ibbażat fuq metodu mikrobijoloġiku li ma jippermettix li jiġi stmat liema proporzjon tal-konċentrazzjoni tat-tilosina misjuba tikkorrispondi għat-tilosina A.

Diskussjoni

Hemm 132 prodott fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-proċedura ta' riferiment. Il-formulazzjoni tal-prodotti kollha kkonċernati hija simili ħafna, b'differenzi żgħir fir-rigward tal-konċentrazzjonijiet tal-eċċipjenti użati u tas-sustanza attiva tilosina. Id-differenzi żgħir fil-konċentrazzjonijiet tal-istess eċċipjenti ġew ikkunsidrati li ma għandhomx impatt fuq it-tnaqqis tar-residwi mis-sit tal-injezzjoni. Minħabba s-similarità tal-formulazzjonijiet tal-prodotti kollha involuti fir-riferiment, u meta jitqies li differenzi żgħir fil-konċentrazzjonijiet tat-tilosina u tal-eċċipjenti mhux se jaffettwaw it-tnaqqis tar-residwi fit-tessuti tal-ħnieżer, is-CVMP huwa tal-opinjoni li tista' tintuża *data* affidabbli mill-aktar studji robusti biex jiġu derivati perjodi ta' rtirar għall-prodotti kollha kkonċernati f'din il-proċedura ta' riferiment.

Għas-CVMP saru disponibbli seba' studji dwar ir-residwi fil-ħnieżer. Abbażi tad-*data* li ġejja mill-istudji kollha dwar it-tnaqqis tar-residwi disponibbli, il-Kumitat jikkonkludi wkoll li s-sit tal-injezzjoni huwa t-tessut li jiddetermina r-residwi. Mis-seba' studji kollha disponibbli, is-CVMP ikkonkluda li l-istudju bil-prodott Tisergen 200 mg/ml, li huwa konformi mal-GLP imfassal f'konformità mal-istandards attwali, huwa l-aktar studju affidabbli disponibbli u jista' jintuża biex jiġi derivat perjodu ta' rtirar għall-ħnieżer għall-prodotti kollha kkonċernati (minkejja l-pH tal-prodott użat għal dan l-istudju kien kemxejn aktar aċiduż mill-pH irrappurtat fl-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott). Minn dan l-istudju, id-*data* turi li fil-jum 12 wara l-kura, kampjun wieħed biss kien 'il fuq mil-limitu ta' kwantifikazzjoni ta' 50 µg/kg, u taħt l-MRL (100 µg/kg). Ġie miżjud fattur ta' sigurtà addizzjonali ta' 30 % permezz tal-metodu "alternattiv", li wassal għal perjodu tal-irtirar ta' 16-il jum.

Abbażi tar-riżultati mill-istudju dwar it-tnaqqis tar-residwi li sar bil-prodott Tisergen 200 mg/ml fil-ħnieżer, il-Kumitat jikkonkludi li għandu jiġi applikat perjodu tal-irtirar ta' 16-il jum, b'limitu għall-volum ta' injezzjoni ta' 5 ml, għall-prodotti kkonċernati minn din il-proċedura ta' riferiment li fihom konċentrazzjoni tat-tilosina sa 200 mg bażi tat-tilosina għal kull ml. Għall-prodott mediċinali veterinarju Tylobel 25 % li fih 250 mg bażi tat-tilosina għal kull ml (detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq: Bea-Pharm GmbH & Co.KG), il-Kumitat iqis li l-ammont totali ta' tilosina injettabbli li għandu jingħata għandu jkun uguali għal dak tal-istudju l-ieħor dwar it-tnaqqis tar-residwi bil-prodott Tisergen 200 mg/ml, u li minnu jiġi derivat perjodu tal-irtirar għall-prodotti l-oħra kollha kkonċernati. Minħabba li fl-istudju bil-prodott Tisergen 200 mg/ml, il-konċentrazzjoni massima tat-tilosina injettata kienet ta' 1 g (5 ml * 200 mg/ml), il-volum massimu ta' injezzjoni għal Tylobel 25 % għandu jkun limitat għal 4 ml. Għalhekk, fattur ta' sigurtà addizzjonali ta' 10 % huwa mbagħad ikkunsidrat xieraq biex iqis kwalunkwe inċertezza rigward l-impatt ta' volum aktar baxx ta' injezzjoni fuq ir-rata ta' assorbiment tat-tilosina fis-sit tal-injezzjoni. Konsekwentement, il-perjodu tal-irtirar ta' Tylobel 25 % (detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq: Bela-Pharm GmbH & Co.KG) għandu jkun ta' 18-il jum, b'limitu għall-volum ta' injezzjoni ta' 4 ml.

3. Valutazzjoni tal-benefiċċji/riskji

Introduzzjoni

Is-CVMP intalab jirrieżamina d-*data* kollha disponibbli dwar it-tnaqqis tar-residwi għall-prodotti mediċinali veterinarji li fihom bażi tat-tilosina ppreżentati bħala soluzzjoni għall-injezzjoni għall-użu ġol-muskoli fil-ħnieżer u rrakkomanda perjodi ta' rtirar għal-laħam derivat minn ħnieżer ikkurati.

Valutazzjoni tal-benefiċċji

Filwaqt li l-effikaċja tal-prodotti kkonċernati fil-ħnieżer ma ġietx speċifikament ivvalutata bħala parti minn dan ir-riferiment, il-prodotti li qed jiġu vvalutati huma kkunsidrati effettivi fil-kura ta' kundizzjonijiet ikkawżati minn organiżmi sensittivi fil-ħnieżer.

Valutazzjoni tar-riskju

Il-kwalità, is-sigurtà tal-annimal fil-mira, is-sigurtà tal-utent, u r-riskju ambjentali għall-prodotti mediċinali veterinarji kkonċernati ma ġewx ivvalutati f'din il-proċedura ta' riferiment.

Ġie identifikat riskju rigward it-tul tal-perjodi ta' rtirar awtorizzati għall-ħnieżer (laħam u ġewwieni), li, għal xi prodotti, jista' jkun insuffiċjenti biex ir-residwi tat-tilosina jaqgħu taħt l-MRLs awtorizzati fit-tessuti li jittieklul sal-aħħar ta' perjodu tal-irtirar, u b'hekk joħloq riskju għall-konsumaturi tal-laħam u l-ġewwieni tal-ħnieżer ikkurati b'dawn il-prodotti.

Abbażi ta' studji proprjetarji dwar it-tnaqqis tar-residwi fit-tessuti tal-ħnieżer, jista' jiġi derivat perjodu tal-irtirar għal-laħam u l-ġewwieni tal-ħnieżer ta' 16-il jum b'limitu tal-volum ta' injezzjoni għal 5 ml għall-prodotti kollha, ħlief għall-prodott Tylobel 25 % (detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq: Bela-Pharm GmbH & Co.KG) li għalih jinżamm perjodu tal-irtirar ta' 18-il jum b'limitu tal-volum ta' injezzjoni għal 4 ml. L-estrapolazzjoni tad-*data* twettqet abbażi tal-kompożizzjoni tal-eċċipjenti tal-prodotti kkonċernati.

Miżuri ta' ġestjoni jew miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju

Sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-konsumaturi tal-ikel u tal-prodotti tal-ikel derivati minn annimali ikkurati bi prodotti li fihom it-tilosina, il-Kummissjoni Ewropea stabbilixxiet MRLs għat-tilosina fit-tessuti li jittieklul tal-ħnieżer. Sabiex ir-residwi derivati mit-tilosina jonqsu għal taħt l-MRLs, għandu jitħalla żmien biżżejjed bejn il-kura u l-qatla.

Il-Kumitat ikkunsidra li għall-prodotti kkonċernati, id-differenzi fil-konċentrazzjonijiet tal-eċċipjenti mhux se jwasslu għal rati differenti ta' assorbiment mis-sit tal-injezzjoni.

Wieħed mid-detenturi tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ipprova studju affidabbli dwar it-tnaqqis tar-residwi konformi mal-GLP, u d-*data* ppermettiet li r-rakkomandazzjoni jkollha perjodu tal-irtirar ta' 16-il jum għal-laħam u l-ġewwieni għal 131 prodott ikkonċernat, jiġifieri għal prodotti li fihom 50 mg/ml u 200 mg/ml tilosina bħala soluzzjoni għall-injezzjoni għal użu ġol-muskoli fil-ħnieżer, filwaqt li l-volum ta' injezzjoni jiġi limitat għal 5 ml, u perjodu tal-irtirar ta' 18-il jum għal-laħam u l-ġewwieni għal prodott ikkonċernat wieħed (Tylobel 25 % (detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq: Bela-Pharm GmbH & Co.KG)) filwaqt li l-volum ta' injezzjoni jiġi limitat għal 4 ml. Il-fattur ta' sigurtà addizzjonali ta' 10 % miżjud aktar tard biex titqies il-qawwa akbar tat-tilosina u għalhekk biex titqies kwalunkwe inċertezza rigward l-impatt ta' volum aktar baxx ta' injezzjoni fuq ir-rata ta' assorbiment tat-tilosina fis-sit tal-injezzjoni.

Evalwazzjoni u konklużjonijiet dwar il-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju

Wara li kkunsidra r-raġunijiet għar-riferiment u d-*data* disponibbli, is-CVMP ikkonkluda li l-perjodi tal-irtirar għal 131 prodott ikkonċernat, kif imsemmi fl-Anness I, il-perjodi ta' rtirar għal-laħam u l-ġewwieni derivati minn ħnieżer ikkurati għandhom jiġu emendati għal 16-il jum u l-volum ta' injezzjoni għandu jiġi limitat għal 5 ml. Għal prodott wieħed ikkonċernat (Tylobel 25 % (detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq: Bela-Pharm GmbH & Co.KG)), il-perjodu tal-irtirar għandu jiġi emendat għal 18-il jum u l-volum ta' injezzjoni għandu jiġi limitat għal 4 ml.

Għal dawn il-prodotti mediċinali veterinarji kollha kkonċernati, il-bilanċ globali bejn il-benefiċċju u r-riskju jibqa' pożittiv soġġett għall-bidliet rakkomandati fl-informazzjoni dwar il-prodott (ara l-Anness III).

Raġunijiet għall-emendar tal-karatteristiċi tal-prodott fil-qosor, tat-tikkettar u tal-fuljett ta' tagħrif

Billi

- mid-*data* pprovduta, il-formulazzjoni tal-prodotti kkonċernati hija simili ħafna, u tippermetti l-użu ta' *data* minn studju affidabbli dwar ir-residwi tat-tilosina fil-ħnieżer, li għandu jintuża biex jiġu stabbiliti perjodi ta' rtirar għall-prodotti kollha kkonċernati;
- ġie pprovdut studju dwar ir-residwi konformi mal-GLP imwettaq b'soluzzjoni tat-tilosina għall-injezzjoni, li tintuża għol-muskoli fil-ħnieżer, u li minnu jistgħu jiġu stabbiliti l-perjodi ta' rtirar għall-ħam u l-ġewwieni tal-ħnieżer ikkurati għall-prodotti kollha kkonċernati, kif imsemmi fl-Anness I. Il-perjodi ta' rtirar ġew ikkunsidrati bħala adegwati biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-konsumatur meta l-volum ta' injezzjoni kien ristrett;
- abbażi tad-*data* dwar it-tnaqqis tar-residwi fil-ħnieżer, is-CVMP ikkunsidra li l-perjodi ta' rtirar għat-tilosina fil-każ tal-ħam u tal-ġewwieni derivati minn ħnieżer ikkurati għandhom jiġu emendati biex jipprovdu assigurazzjoni għas-sikurezza tal-konsumatur, kif imsemmi fl-Anness III;
- is-CVMP qies li l-bilanċ globali bejn il-benefiċċju u r-riskju għall-prodotti taħt din il-proċedura (ara l-Anness I) jibqa' pożittiv soġġett għall-emendi fl-informazzjoni dwar il-prodott;

is-CVMP irrakkomanda varjazzjonijiet tal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq għal prodotti mediċinali veterinarji li fihom bażi tat-tilosina (bħala sustanza attiva waħda) li huma ppreżentati bħala soluzzjonijiet għall-injezzjoni għall-użu għol-muskoli fil-ħnieżer (ara l-Anness I) sabiex jemendaw is-sommarji tal-karatteristiċi tal-prodott, it-tikkettar u l-fuljetti ta' tagħrif f'konformità mal-bidliet rakkomandati fl-informazzjoni dwar il-prodott kif stabbilit fl-Anness III.

Anness III

Emendi fis-sezzjonijiet rilevanti tal-karatteristiċi tal-prodott fil-qosor, tat-tikkettar u tal-fuljett ta' tagħrif

A.Għal Tylobel 25 % elenkat fl-Anness I (Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq: Bea-Pharm GmbH & Co.KG)

4.9 Ammont li jingħata u l-metodu ta' amministrazzjoni

Fil-ħnieżer, tagħtix aktar minn 4 ml għal kull sit ta' injezzjoni.

4.11 Perjodu(i) ta' tiżmim

Ħnieżer:

Laħam u ġewwieni: 18-il jum.

Tikketta

8. ŻMIEN TA' TIŻMIM

Ħnieżer:

Laħam u ġewwieni: 18-il jum.

Fuljett ta' tagħrif

8. DOŻA GĦAL KULL SPEĊI, MOD U METODU TA' AMMINISTRAZZJONI

Fil-ħnieżer, tagħtix aktar minn 4 ml għal kull sit ta' injezzjoni.

10. ŻMIEN TA' TIŻMIM

Ħnieżer:

Laħam u ġewwieni: 18-il jum.

B. Għall-prodottii l-oħrajn kollha elenkati fl-Anness I

Karatteristiċi tal-prodott fil-qosor

4.9 Ammont li jingħata u l-metodu ta' amministrazzjoni

Fil-ħnieżer, tagħtix aktar minn 5 ml għal kull sit ta' injezzjoni.

4.11 Perjodu(i) ta' tiżmim

Ħnieżer:

Laħam u ġewwieni: 16-il jum.

Tikketta

8. ŻMIEN TA' TIŻMIM

Ħnieżer:

Laħam u ġewwieni: 16-il jum.

Fuljett ta' tagħrif

8. DOŻA GĦAL KULL SPEĊI, MOD U METODU TA' AMMINISTRIZZJONI

Fil-ħnieżer, tagħtix aktar minn 5 ml għal kull sit ta' injezzjoni.

10. PERJODU TA' TIŻMIM

Ħnieżer:

Laħam u ġewwieni: 16-il jum